Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IS-SEBAT LEĠISLATUR
## Laqgħa Numru 62
## It-Tlieta 26 ta'Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.45 p.m.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku

Charles Selvaġġi – Kunsillier

Matthew Agius – Kunsillier

Romina Galea – Kunsillier

Maurice Agius – Kunsillier

Emanuel Brincat – Kunsillier

Matthew Mangion -Chairperson KAS

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Lino Bartolo - Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 62.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;

62.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta’ apoloġija ta’ Dr. Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

62.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta’ apoloġija tas-Sur Lino Bartolo li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' safar.

62.1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta’ apoloġija tas-Sur Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

62.1.04 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta’ apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

### 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

62.2.01 Il-minuti ta’ Seduta Nru 61 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm xi korrezzjonijiet.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

62.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari AKL 70/2017 <dc 62/3/1> Clean, Shared Mobility seminar.

62.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Talba <dc 62/3/2> Ghaqda Melita Banda San Guzepp ghall-permess ta’ attivita’ *car wash*

Il kunsilliera prezenti approvaw it-Talba.

62.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Avviz mit- Trasport Malta <dc 62/3/3> dwar hinijiet ta' Permessi fit-toroq.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li din tghid car li bejn is-sebgha u d-disgha ta' filghodu m’ghandhomx jinhargu permessi tal-ebda attivita’ ta' kostruzzjoni jew ghal *lifters* fit-toroq biex jigi evitat blokk fit-traffiku.

62.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrespondenza <dc 62/3/4> dwar Premju Anzjanita’ 2017
Il-Kunsilliera ddiskutew u gie propost li ghandu jkun Is-Sur Louis Dimech.

62.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Talba <dc 62/3/5> ghal-laqgha mill-GRTU dwar il-Hatt ta’ xoghol fil-lokalita’.
Il-Kunsilliera prezenti qablu li din ghandha ssir u talbu lis-Segretarju Ezekuttiv biex imexxi.

62.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Korrespondenza <dc 62/3/6> mis-Sur Michael Ferry dwar il-problemi ta' kostruzzjoni fit-Triq Bieb it-Torri u talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega ahjar il-problemi li qed ikun hemm.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella Spjega li minhabba numru kbir ta' permessi mahruga mill-PA, ghall-izvillup ta' propjeta', qed jinqalaghu diversi problemi fi Triq imsemmija u toroq ohra mad-dawra, inkluz fit-toroq fil- konfini mal-lokalita' tal-Gzira, li qed tikkawza nkonvinjent, kemm fl-andament tat-traffiku u anke ghas-sigurta' tan-nies li jistghu ikunu mexjin. Hawn kompla jispjega flimkien mas-segretarju Ezekuttiv tal-Gzira Anthony Attard li sar ftehim biex kull permess fiz-zona ssir konsultazzjoni bejn il-kunsilli halli jsir koordinazjoni.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li l-PA qed tohloq problema bin-numru essagerat ta' permessi f'daqqa u dawn qed jikkawzaw problemi serji li qed jaqghu fuq il-Kunsill Lokali biex issolvihom.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li dan hu minnu u aktar minn hekk jista' jkun hemm periklu car ghan-nies li jghaddu minn dawn it-toroq meta ikun hemm attivita' shiha ta' xoghol fuq iz-zewg nahat tat-toroq u materjal ghaddej minn fuqek. Kien dan kollu li wassal biex persuna baghtet xi ritratti l-OPM u dan wassal biex tibghat din il-korrespondenza fejn ingibdet l-attenzjoni tal-entitajiet kkoncernati.

62.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrespondenza <dc 62/3/7> dwar *Accumulation of vacation leave* 2017/2018 u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li minhabba ragunijiet ta' xoghol Is-Segretarju Ezekuttiv ha 43.75 siegha biss mill-leave annuali tieghu ghas-sena kurrenti u ghalhekk qed jitlob biex igedded numru ta' sieghat minn dak li baqghalu ghas-sena 2018.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella Spjega li ser jipprova iqassam il-*leave* biex jiehu kemm jista jkun minnu sal-ahhar tas-sena, dejjem jekk ix-xoghol jippermetti, ghax kif jafu il-kunsilliera stess il-volum ta' xoghol zdied sewwa.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw li l-*Leave* Annuali tas-Segretarju Ezekuttiv ghandu jigedded sa massimu ta' hamsin fil mija.

62.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 62/3/8> Twegiba ghat-talba minghand l-ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghall- Gvern Lokali minghand is-Segretarju Ezekuttiv <dwar xi problemi 'Finanzjarji li l-kunsill Lokali jsta ikollu biex ikun jista jaqdi sew il-funzjonijiet tieghu>.

Mibdula <dwar xi problemi 'Finanzjarji li l-kunsill Lokali jsta ikollu biex ikun jista jaqdi sew il-funzjonijiet tieghu>

6.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Korrespondenza <dc 62/3/9> b'tgharif minghand il-*Green Pak* dwar *Local Council awards* u spjegat li hemm xi premjijiet godda.

62.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Stedina <dc 62/3/10> ghall-partecipazzjoni Konferenza Anwali Valletta 2018 u talbet lill-Kunsilliera prezenti biex minn jixtieq jattendi ghandu javza lis-Segretarju Ezekuttiv.

62.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari 24/2017 mid-DLG <dc 62/3/11> dwar Tibdil fil-*Website* ufficjali tal-Kunsilli Lokali.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li qed ssir migrazjoni mill-website antika ghall- gdida u dokumenti u informazzjoni ohra tista' ssibhom fil-website il-gdida.

62.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 62/3/12> Stedina mis-Segretarju Parlamentari ghall-Gvern Lokali Onr. Silvio Parnis ghas-suggerimenti dwar ir-riforma fil-ligi dwar il-kunsilli lokali u talbet lill-kunsilliera prezenti biex min ghandu xi suggerimenti jghaddihom.

.

62.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Avviz <dc 62/3/13> ta' Purcissjoni u tat id-dettalji.

62.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari <dc 62/3/14> AKL 69/2017 *Transport Malta Stake Holder Consultation Meeting.*

62.3.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Talba <dc 62/3/15> minghand Alexandra Sammut ghal *Keep Clear* quddiem il-mahzen go triq il-Bacir.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li din qalet li dan il-fond, wara snin b'kawza fil-qorti, jista' jerga jintuza u qed tirrangah, izda skond hi l-PA ma tax permess jinbidel il-Bieb li jiftah fuq barra u se jitlob konferma bil-miktub fejn il-PA qed tispecifica dan.
Il-kunsilliera prezenti qablu li ssir verifika qabel ma japprovaw

62.3.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 62/3/16> Elezzjoni Kumitat Ezekuttiv tal-AKL.
Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill-kunsilliera prezenti li ghandu d- dokument ta' nomina ghal min ghandu bzonn.

62.3.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Talba <dc 62/3/17> mis-Sur Michael Bonnici biex jaghmel rampa fuq il-bankina quddiem il-hanut li se jerga jsir garaxx.
Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill-kunsilliera prezenti li se jitlob lis-sid biex l-ewwel japplika biex jinbidel l-uzu tal-fond insemmi.

### 62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

62.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li qed nistennew il-*BOQ* ghal l-progett tal-*Belvedere* tas-Swatar u tlabna lill-Perit biex napplikaw għal fondi *UIF* kif dawn ikunu lesti.

62.4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Inizjattiva ta' restawr ta' postijiet storiċi 2017, fejn il-Kunsill ma jistax japplika minħabba li ġa sar restawr fuq il-Kappella tal-Kunċizzjoni u għadu m'għaddiex iż-żmien kif stabbilit fir-regolamenti.

62.4.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li minħabba li is-Sur Domenic Vella jinsab indispost, għadha ma saritx il-laqgħa biex jiġu iddentifikati liema huma il-*Bollards* u l-*U bars* approvati u biex dawn jiġu rregolarizzati .

62.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Inizjattiva finanzjarja, *Financial Initiative Tarmac of roads which fall under LC's responsibility* li għadha ma ħarġitx l-approvazzjoni mill-*Evaluation board* biex il-kunsill jibda' ix-xogħol fuq Triq Nazju Falzon.

62.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar ir-reġistrazzjoni skont l-att dwar Taxxa fuq valur miżjud, li saret l-applikazzjoni mal-Awtorità biex il-Kunsill ikun konformi mal-liġi.

62.4.06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-inizjattiva, *Insallation of Bicycle racks within our towns and villages* , li għadhom ma daħlux suġġerimenti fejn dawn jistgħu jittwahhlu.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li fl-ahhar laqgha gie propost fejn l-ghassa tal pulizija.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella kkonferma dan u qal li kellhom jigu ssuggeriti zoni ohra biex naraw jekk hux possibli jsiru u naghmlu applikazjoni wahda fejn irridu nipprezentaw *site plan* bin-numru ta' *Bike stands* li ser jehlu. Dawn iridu ikunu maghmula bil-materjal u qisien skond ir-regolamenti annessi mad-dokument tal-applikazjoini. Hawn kompla jispjega li l-Kunsill irrid jigbor stima ghalihom minn min se jinstalla x-xoghol u t-talba ghal fondi trid tkun approvata.

62.4.07 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li fil-ġnien ta' Triq l-Irmiġġ għad hemm xi xogħol fid-dawl li għadu mhux lest u trid ssir il-*Communal Blue Badge Holder Parking Bay* u sinjali ohra mat-toroq tad-dawra tieghu.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa meta se jigi mghoddi lill Kunsill.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li dan ga jinsab f'idejn il-Kunsill. ghalkemm ghad fadal xi -xoghol zghir li rrid ikun lest fosthom xi sinjali tat-triq li qed tiehu hsieb Trasport Malta u kien hemm xi problema fid-dawl li qed jahdmu fuqha il-kuntrattur u l-Enemalta.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li dwar id-dawl ga kellem lill-kuntratturi u jidher li kien hemm xi xoghol li kien ghadu ma sarx u li dan se jiehu hsieb li jsir.

Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bzonn naghtu isem lill-gnien fejn f'laqgha precedenti kien ssuggerrixa Gnien il-Kunsill Lokali. <u biex ssir xi Gym equipment>

Mizjuda <u biex ssir xi Gym equipment>

Is-Sur Emanuel Brincat qal li ma jahsibx li l-isem tat-triq mad-dawra tal-gnien ghanda tibqa Censu Farrugia.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u pproponew li toroq fuq z-zewg nahat sejrin 'l isfel tal-gnien u l-gnien ghandu jkun Misrah Gnien il-Kunsill Lokali.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li jaqbel li ninfurmaw lil kumitat ghat-tismija tat-toroq biex jaghtuna parir.

62.4.08 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li s-Sinjura Astrid Cachia ġiet mgħarrfa li t-talba tagħha ġiet approvata u l-parkeġġ li kien qed jagħmilha diffiċli biex tidhol fil-garaxx m'għadux hemm.

62.4.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-armar tan-nar mitluq fil-ġnien ta' wara Misraħ San Guzepp Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella talab biex ssir laqgħa uffiċjali mal-Assistent Kummissarju A Mamo biex jiġu diskuss ma suġġetti oħra .
Is-Sur Maurice Agius qal staqsa jekk hadniex risposta
Is-Sur Charles Selvaggi qal li fil-kunsill gie sugerit li jekk ma tigix risposta ghandna niktbu lill Kumissarju tal-pulizija.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li l-Assistant Kummissarju baghtet imejl qasira, fejn infurmat li tinsab barra mix-xoghol u talbitu biex jghamilha *reminder* wara t-22 ta' Settembru. Dan ga ghamlu, izda sal-gurnata ghadu ma hax risposta u behsiebu jistenna sal-ahhar tal-Gimgha kurrenti u jibghat *reminder* iehor.

62.4.10 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar ittra li ntbghatet lill-Kappillan għan-nuqqas li jiġu pprovduti siġġijiet għall-mistiedna uffiċċjali u kif jixraq skond il-protokoll u jekk kienx hemm risposta.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li ma kienx hemm risposta.

62.4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li ssottometta informazzjoni mitluba dwar x'inhuma d-diffikultajiet li qed ixekklu lill-kunsilli lokali milli jaqdu l-funzjoni tagħhom.
Is-Sur Maurice Agius talab kopja tal-korespondenza.

62.4.12 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-kontijiet bankarji li kellhom jinghalqu.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar bosta kontijiet miftuħa fil-bank li ma jintużawx u li beda l-proċess biex dawn jingħalqu.

62.4.13 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Triq Sta Venera biex tarġa tiġi One Way 'l isfel. Ġiet ppreparata l-ittra għar-residenti u ġew ordnati t-tabelli biex dawn jeħlu

62.4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar is-sejħa għal-kampanja *Lets do it* minħabba nuqqas ta' voluntiera. Gie deċiż li jsiru Triq Mons Innocent Zammit mill-Msida Scouts flimkien mal-Kuntrattur u Triq l-Spiżjar Sciberras miż-żagħażagħ tal-Banda Melita Msida u oħrajn. Iżda wara spezzjoni ta' Triq l-Spiżjar Sciberras, fejn fost oħrajn kien hemm numru ta' siringi, il-Voluntiera tal-iScouts, li huma tfal, ittieħdu Triq Mons Innocent Zammit u il-Kuntrattur ha ħsieb jiżbarazza bin-nies tiegħuTriq l-Spizzjar Schiberras.

62.4.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar *Traffic Management* għal Triq San Alwiġi. Giet msejjħa laqgħa mas-Sur Michael Cohen, It-Tlieta 26 ta' Settembru, biex tiġi diskussa soluzzjoni għal problema u affarijiet oħra pendenti. Izda din giet mhassra u posposta ghall- gurnata ohra li ghad trid tigi ffisata.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li qed jikkunsidra jipproponi li Triq Achille Ferris ddur *One way* bil-kontra.
Il-Kunsilliera ddiskutew is-sugett dwar il-problema li hemm bzonn studju ta' *traffic management* f'Imsida Circus biex ittaffi il-kongestjoni ta' traffiku kkawzata minhabba il-hrug lejn l-i*Skate park* . Gie propost biex tigi kkunsidrata li r-*roundabout* go Msida Circus tickien halli t-traffiku jghaddi ahjar.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk is-Sindku Margaret Baldachino Cefai kienitx korretta meta vvutat fuq il-pjan tat-*Traffic Management* ghal triq San Alwigi.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li Kap 363 artiklu 19 jispjega sewwa dwar interess pekkunarju u li l-vot ma kellu xejn x'jaqsam m'ghoti ta' kuntratti u jew karigi u servizzi ohra fejn se jsir xi forma ta' hlas ghalih.

62.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-tindif tal-fanali go Triq D'Argens, u li staqsejna lill-kuntrattur jekk jistax jagħmilhom u qalilna li ma jistax jagħmel dan it-tip ta' xoghol u li rridu nfittxu kuntrattur iehor..

Gie ssugerit kuntrattur iehor u Segretarju wiegeb li se jgib stima u jara minn kuntratturi ohra.

62.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar verifika tal-kuntratturi tal-Ħwienet u stabbilimenti biex titfassal ittra u tingħata lis-sidien ta' kull fejn hemm attività' kummerċjali u li din għada ma saritx iżda ġa bdejna nitolbu ċertu informazzjoni permezz tas-Sur John Micallef li ġie mitlub jibda jagħmel spezzjoni tat-toroq. Din l-informazzjoni qed tintalab fejn ikun hemm ammont ta' boroż barra stabbilimenti u ġa ħadna xi risposti.

62.4.18 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar garaxx mhux użat go Triq Antonio Sciortino u li dan sar *Parking Bay* .

62.4.19 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-garanzija tal-bankina mal-binja ta' Triq Rue d'Argens ma’ Antonio Bosio.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li kif spjegat fil minuta 61.4.23 jidher car li dan huwa zvilupp bejn zewgt sidien u s-sid li ghandu l-permess t’isfel huwa responsabbli ghall-bankina. Ghalhekk l-applikant li huwa s-sid tal-parti ta' fuq, mhux marbut bl-ebda obbligu u garanzija.

62.4.20 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm zvillupi dwar l-istat tal-art mad-dawra tal-monument. Il-Perit Jorge ghat-TM gie mitlub biex jara x’jista’ jsir.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghad ma kienx hemm l-ebda zvilluppi, izda rega’ gibed l-attenzjoni tal-perit il-gdid Rudolph Micallef li qed jiehu hsieb flok Il-Perit Jorge ghat-TM, fejn rega’ gie mitlub biex jara x’jista’ jsir u urgenti.

62.4.21 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-Laqgħa mal-*Green Pak* u l-kampanja edukattiva għall-Immaniġġjar tal-iskart fejn saru xi suġġerimenti u kien hemm qbil li nistgħu nkomplu nizviluppaw dawn l-ideat biex naraw kif *Green Pak* tista' tgħin fejn hu possibbli.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar is-servizz propost u jekk dawn is-*security* jistghux jaghmlu tahrika u kif se jitiehdu passi fuq min jabbuza.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghalkemm saru xi appuntamenti biex niltaqghu mal-kumpanija fuq il-post, dawn kellhom jigu posposti minhabba raguni ta’ sahha u darba’ohra minhabba raguni ta’ safar. Meta ppruvajna niltaqghu it-tielet darba, dan kien ezatt wara appuntament iehor li ha iktar milli kien mistenni u rapprezentata tal-kumpanija ma setghetx tistenna iktar ghax kien sar il-hin ghall-appuntament iehor. Dwar it-tahrik kif spjega fid-dettal f’minuta 61.5.01, sal-gurnata dawn m’ghandhomx awtorita’ jaghmlu dan u li jistghu jaghmlu jservu ta’ detterent u jaghtu twissija u jiehdu nota biex jghaddu l-informazzjoni lill-Kunsill.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa kemm jista’ ikun effettiv dan is-servizz.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li kif spjegat fil-laqgha ta’ qabel, dawn jitqabbdu bi prova ghal zmien u minn hemm inkunu nistghu niddiskutu r-rizultati jekk hux viabli jew le.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-kamera fuq il-*Bring in Site* ta' Victor Denaro u min jara il-kamera u kif jigu rrappurtati n-nies li jinqabdu jabbuzaw.

Is-Segretarju wiegeb li dawk li huma identifikati permezz tan-*number plate* tal-vettura, twasslu lill-pulizija u jittiehdu passi fuqhom permezz ta’ citazzjoni. Izda dwar nies dirett, jekk hadd ma jgharrafhom, dawn ma jistghux jittiehdu passi kontra taghhom. Hawn kompla jispjega li l-*Green pak* tara l-kameras u tibghat lill-kunsill kull materjal fejn jidher li huwa abbuz. Izda dan ma jsirx ta’ kuljum u lanqas huwa possibbli li dan isir kull gimgha, minhabba l-hin li dan jiehu biex tara kull filmat li ikun hemm fil memorja tal-kamera..

62.4.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar proġett ta' tisbieh go <Xatt Ta' Xbiex bħal ma sar l-Gżira> u li ġie ikkuntattjat il-Perit biex jipprovdi pjanta.

Mibdula <Xatt Ta' Xbiex bħal ma sar l-Gżira>

62.4.23 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar zbir ta' pjanta fi Triq Testaferrata hdejn in-Nissan.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din ga giet moghddija lill-kuntrattur biex jaghmilha ma’ numru ohra ta’ zbir u se jiccekja jekk din saritx jew meta tista’ ssir.

62.4.24 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar *Loading /Unloading bay* ta' ħdejn Jon David. Għad trid ssir il-Laqgħa ma' Domenic Vella tat-Trasport Malta u hemm bżonn verifika dwar liema huma approvati. Jekk dan jirrizulta li mhux approvata minn Trasport Malta se jitlob li titnehha.

62.4.25 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar tabelli f'zoni residenzjali biex ma jsirx storbju u jinżamm il-kwiet. Tlabna lis-Sur Matthew Dimech biex jagħtina *sample* u dan baghthom lill- kunsilliera prezenti u approvaw li jinxtraw 6 biex jehlu fejn hemm bzonn.

62.4.26 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-fanal ta' Victor Denaro. Kellimna lill-avukat li taghtna parir li dan ma tantx tista' tieħu passi għax il-każ ilu u huwa preskritt.

62.4.27 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-attività' mill-Aġenzija Appoġġ bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida u numru ta' għaqdiet rappreżentanti għal-kommunitajiet barranin residenti f'Malta li saret fl-1 ta'Settembru u kien hemm konkorrenza tajba.

## 62.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

62.5.01 Is-Sur Emanuel Brincat ppropona li ghanda ssir *objection* ghall-izvillupp ta' binja go triq Rue D'Argen u C de Brokdorff, fejn din ser tohloq problema ta' parkegg u ser tohloq problemi gol-arja tal-madwar.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li ghandha ssir *objection* ghax il- binja kif proposta ma taghmilx parti mill-*local plan* u li tista' twassal ghal zviluppi simili u bla kontroll fiz-zona

62.5.02 Is-Sur Matthew Agius wera t-thassib tieghu dwar il-fatt li hafna mill-ufficjali li suppost ikunu hemm biex jikontrollaw it-traffiku, meta ikun hemm ingenji tal-kostruzzjoni fit-troq, ma jkunux fuq l-ahjar post biex jikkontrollaw dan kif suppost u talab biex il-kunsill jikteb ufficjalment dwar dan in-nuqas lil kull entita' li qed taghti dan is-servizz ghax fuq kollox dawn qed jithallsu tieghu u mhux sew li jbatu n-nies fuq dawn in-nuqqasijiet u jispiccaw iduru dawra mejt maz-zona biex jghaddu
Is-Segretarju wiegeb li se jwassal dan l-ilment permezz ta' ittra ufficjali

62.5.03 Is-Sur Emanuel Brincat gharraf lill-kunsilliera prezenti li l-Kappilan tas-Swatar se jispicca u ppropona li l-kunsill ghandu jaghti *momento* bhala rikonoxximent ghax-xoghol siewi li dan ghamel tul dawn is-snin kollha mal-kommunita' tas-Swatar.

Is-Sur Maurice Agius ssekonda din il-proposta u l-kunsiliera prezenti approvaw unanimament li tinghata *momento* ta' tifkira bhala rikonoxximent mill-Kunsill Lokali.

62.5.04 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar abbuzi ta' droga li qed ssir go dahla f' binja li tinsab bejn it-toroq Balliju ta' Guttenberg u Dun Gorg Preca biex isir rapport l-ghassa u biex nitolbu ssir grada halli dawn ma jidhlux.

Is-Segretarju ha nota u se jikteb lill Awtorita' tad-Djar u iwassal rapport lill-pulizija.

62.5.05 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar is-*Subways* hdejn l-Universita u kif ir-residenti qed jigu blukatti biex jaqsmu. Hawn fakkar li dawn is-*subways* huma l-unika access minn naha ghall-ohra, ghax hadd ma jista' jaqsam mit-toroq minhabba il-periklu u talab biex il-Kunsill jaghmel pressjoni mal-entita' responsabbli biex isolvu l-problema.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li dawn il-problemi kemm-il darba ghamilna rapporti fuqhom u l-entitajiet jigu u jaghmlu x-xoghol ta' tindif jew tiswijiet izda jidher li hemm bzonn li jigi l-perit halli jaraw il-ghala din il-problema qed tirrepeti ruha.

62.5.06 Is-Segretarju ha nota u ha jitlob ghal laqgha fuq il-post flimkien mas-Sindku u s-Sur Emanuel Brincat halli ssir presjoni biex problemi strutturali li jista' ikun hemm jigu solvuti.

62.5.07 Is-Sur Charles Selvaggi talab biex isiru l-marki tat-triq fejn kien hemm it-Tower Crane fi Triq L. Zamenhoff.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dan ga qieghed fil-lista ta' xoghol u li ghandu jsir fil-granet li gejjin.

62.5.08 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar tappiera go Triq il-Kunzar li tinsab maqlugha.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ga kellu rapport ftit granet qabel u mar fuq il-post, izda din it-tappiera ma kienetx maqlugha izda mghottija b'ghadira ilma mdardar u ma setax jara ezatt fejn hi. Izda matul il- jum dahhlu rapport li kienet maqlugha u rega' tela' fuq il-post mal- haddiema u din tpoggiet f'posta.

62.5.9 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-Problema tal-Hamiem biex tinstab soluzzjoni ghax qed dejjem tikber.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li jaqbel li ssir xi haga, izda ghalkemm jista' jordna sparatura, kull kunsillier prezenti jaf kemm din twasall ghal polemika u din jekk ma tkunx xi haga regorali il-problema tibqa hemm. Hawn kompla jispjega li l-kunsill jista' jara x'jaghmel mal-fanali biex il-hamiem ma joqghodx fuqu u se jipprova jiehu parir fuq alternattiva ghal sparattura li tkun tista' ssir regorali b'mod legali minghajr hafna kummenti.

62.5.10 Is-Sur Maurice Agius fakkar li l-progett tal-Kappara qed joqrob biex ikun lest u talab biex kif kien miftiehem il-parkegg jerga' isir.

62.5.11 Is-Sur Maurice Agius qal li hemm periklu fejn kostruzzjoni li tinstab tiela' hdejn il-muzew tas-subien minhabba li din mhux maghluqa u accessibbli ghal kulhadd.

## 62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat

62.6.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-Kunsilliera prezenti li saret laqgha ma' ufficjali tal-*Greenpak* fejn gew diskussi numru ta' suggerimenti dwar kampanja edukattiva biex ir-residenti jigu nfurmati ahjar x'ghandhom jaghmlu bl-iskart. Hawn kompliet tispjega li l-*Greenpak* qablu u hadu nota ma' bosta suggerimenti u li waqt din il-laqgha harget bl-idea ghall-kuntrattur tas-sena. Prezenti ghal din il-laqgha kien hemm is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, Is-Sur Maurice Agius u Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella.

62.6.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-Kunsilliera prezenti li saret laqgha mad-dirigenti ta' *Vivian Corporation* fejn gew diskussi diversi suggetti, fosthom alternattiva tas-sit, coordinazjoni mal-kunsill Lokali u l-kuntratturi u meta u x'hin ghandu jsir certu xoghol. Giet diskussa alternattiva biex ix-xoghol jinhatt minn Trejqet Box Box izda jidher li dan mhux possibbli minhabba t-triq kif inhi u dwar il-fatt biex ssir man-naha tal- bankina, faccata tas-*central strip* . Izda dan xorta ma ssolvix il-problema minhabba l-*lifter.* Sar ftehim biex isiru aktar kuntatti biex tinstab soluzzjoni sakemm il-kumpanija tibqa' topera minn hemm u li l-kunsill jigi nfurmat u vici versa l-kumpanija, meta tkun taf meta gej certu xoghol, halli fejn ikun hemm certu permessi fit-Triq it-Torri, din ma tinghalaqx iktar milli suppost.

62.6.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-evalwazzjoni għat-*Tender* tal-Bandli tas-Swatar. Il-Bord ta parir li jingħata lill-*Intersteel* , li għamlet l-irħas offerta u kkwalifikat mill-kriterji kollha.

Il-Kunsilliera prezenti hadu il-parir tal-kummitat tal-offerti u agudika it-*tender* bl-irhas offerta.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega lill-kunsilliera prezenti li ser jitellghu d-dokumenti kollha fuq is-sistema u hemm jibda f'sehh iz-zmien ta' 10 tijiem cans ghall-appell.

**62.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

62.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-62 <dc 62 /7/01> ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li dawn il-pagamenti jkopru invoices li l-Kunsill ircieva sal-gurnata tat-26 ta' Settembru 2017.
L-iskeda giet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u ssekondata mis-Sur Charles Selvaggi.
Skeda ġiet approvata unanimament.

**62.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

62.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**Minuti konfermati, illum 24 ta'Ottubru 2017**

**IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |